MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 41/2004/1

Rikors Nru: 41/04

Mary Mula armla ta Giuseppe Mula

Vs

Avv. Philip Manduca bhala mandatarju specjali ta Edward Sciberras u Joseph Willis

Il-Bord,

Ra r-rikors ta Mary Mula li tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenta, li hi armla ta Giuseppi Mula tivvanata titolu ta kera fuq il-fond 8, St Mary Street, Qrendi, liema ftehim hu konfermat mis-skrittura hawn esibita datata 22 ta Dicembru 1986, Dok ‘A’.

Illi hija irciviet ittra ufficjali datata 30 ta April, 2004 mill-intimat nomine bil-kontenut hemm indikat: Dok ‘B’ meta l-

pretensjonijiet ghandhom jigu michudin, iktar u iktar meta l-kondizzjonijiet fl-iskrittura hawn esibita huma gustifikati kif ukoll ghandhom jigu konfermati iktar u iktar meta l-prezentazzjoni tal-ittra ufficjali qed tinjora l-fatt li kien hemm cessjoni tad-drittijiet favur l-okkupanta fil-prezenza ta persuna legali kif ukoll l-kondizzjonijiet fl-ambjent fejn jinstab il-fond meritu ta din il-kawza.

Ghaldaqstant, it-talba tal-intimat nomine ghandha tigi michuda fis-shih u l-Bord qed tigi mitluba tikkonferma l-kondizzjonijiet fl-iskrittura kif debitament ezibita fis-shih.

Ra r-risposta tal-Avukat Dr Philip Manduca li jesponi bir-rispett:

Illi r-rikors hu infondat fil-fatt u fid-dritt billi t-talba ghaz-zieda fil-kera hi manifestament gustifikat billi huwa iktar gust li l-kera tal-fond ghandu ikun Lm40 kull jum.

Ra d-digriet tieghi tat-13 ta Jannar 2005 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra l-verbal tat-28 ta Settembru 2005

Ra r-relazzjoni tal-imsemmija periti

Ra li fis-seduta tas-16 ta Novembru l-partijiet u l-avukati taghhom irrimmettew ruhhom ghar-rapport

Billi mir-rapport tal-periti jirrizulta li l-kera li biha hu mikri l-fond teccedi l-erbghin fil-mija tal-kera xierqa li biha l-fond kien mikri jew seta kien mikri fl-4a ta Awissu 1914 a tenur ta l-Artikolu 4 (b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta Malta (qabel Art 5 (b) tal-Kap 129) tilqa it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------